**15 ta' Marzu, 1996**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A.(Hons), LL. D. - President**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.(Hist.)S.**

Perit Joseph Mallia

*versus*

Onor. Prim Ministru *et*

**Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem - Smigħ Xieraq - Sentenza - Differiment għall-Appell**

*Kawża fejn ġie allegat li r-rikorrent ma kienx irċeva smigħ xieraq. Il-proċeduri impunjati kienu kawża pendenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Meta l-kawża kienet ġiet iddifferita għas-sentenza kien ġie vverballizat li kienet qiegħda tiġi ddifferita għas-sentenza dwar l-aggravju ta' nullita' naxxenti minn żball fl-okkju. Meta l-Qorti tat is-sentenza tagħha mhux biss qatgħet din l-eċċezzjoni imma anke ddeċidiet l-eċċezzjonijiet l-oħra u l-meritu. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabet li dan kien jammonta għal vjolazzjoni tad-dritt għas-smigħ xieraq. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*Il-Qorti osservat li la darba fil-verbal tad-differiment għas-sentenza kien hemm speċifikatament imniżżel li l-kawża kienet qiegħda tiġi ddifferita għad-deċiżjoni ta' eċċezzjoni partikolari, ma setgħatx dik il-Qorti tiddeċidi ukoll il-meritu kollu mingħajr ma tagħti lill-partijiet l-opportunita' li jagħmlu s-sottomissjonijiet orali tagħhom. Inoltre l-fatt li l-proċeduri kienu fi stadju ta' appell ma kien ibiddel xejn.*

*Għalkemm id-dritt ta' appell mhux parti mill-elementi ta' smigħ xieraq, jekk jingħata appell allura s-smigħ f'dak l-appell irid ikun hu stess xieraq.*

Il-Qorti:-

Biex il-Qorti tinkwadra sewwa l-meritu ta' din il-vertenza Kostituzzjonali hu utili li jiġi riprodott ir-rikors promotur:

Ir-rikorrenti ppremetta:

"Illi huwa kien istitwixxa proċeduri kostituzzjonali quddiem din l-Onorabbli Qorti; rikors 360/91 fl-ismijiet **Perit Joseph Mallia** *vs* **Onor. Segretarju Parlamentari għall-Ambjent** *et*;

Illi b'sentenza tas-16 ta' Lulju, 1992 din l-Onorabbli Qorti iddikjarat illi l-esponent ma kienx eżawrixxa r-rimedji l-oħra u konsegwentement iddikjarat li l-intimati ma kinux ħatja ta' vjolazzjoni tad-drittijiet ta' l-esponent;

Illi l-esponent ħass ruħu aggravat minn dik is-sentenza u interpona appell minnha quddiem l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali;

Illi l-appell ta' l-esponent kien ibbażat fuq tliet motivi, viż:

In-nullita` tas-sentenza derivanti minn difett fl-okkju;

In-nullita` tas-sentenza stante li meta Qorti ssib li l-azzjoni kienet intempestiva, m'għandhiex tiċħad id-domandi fil-meritu imma biss tillibera lil-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju;

Fil-meritu, li mhux minnu li kienu jeżistu rimedji oħra effettivi;

Illi t-trattazzjoni ta' l-appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali ġiet iffissata għall-14 ta' Ottubru, 1992. F'dik is-seduta l-President qal lid-difensuri tal-partijiet li "dan l-appell kienu jeħilsu minnu faċilment fuq in-nullita` ta' l-okkju tas-sentenza" u ordna li jsiru provi u trattazzjoni fuq dan l-aggravju biss;

Id-difensuri tal-partijiet, kif ordnati mill-Qorti, ittrattaw biss dan l-aggravju u ma għamlu ebda sottomissjonijiet fuq l-aggravji l-oħra, ġie vverbalizzat li:

"Il-Qorti semgħet is-sottomissjonijiet ta' l-Avukati u tiddiferixxi l-kawża għas-sentenza in difett ta' ostakolu għall-11 ta' Novembru, 1992 rigward in-nullita` tas-sentenza derivanti mid-difett fl-okkju ta' diversi atti";

Illi l-appell ġie mbagħad iddifferit diversi drabi oħra, stante indisposizzjoni ta' wieħed mill-Imħallfin, u s-sentenza ġiet ippronunzjata fl-14 ta' Jannar, 1993;

Illi l-Qorti Kostituzzjonali, bi ksur tal-kuntratt ġudizzjarju li għamlet mal-kontendenti u tad-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, ippronunzjat is-sentenza mhux biss fuq nullita` derivanti mid-difetti fl-okkju, imma, iddeterminat ukoll, kontra l-esponenti, iż-żewġ aggravji l-oħra li dwarhom kienet ivvjetat is-sottomissjonijiet;

Illi b'hekk ġie li l-appell ġie deċiż mingħajr l-esponenti ma ġie mogħti opportunita` li jiddifendi ruħu u dan bi ksur tad-dritt

fondamentali tiegħu ta' smigħ xieraq, protett mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem;

Għaldaqstant ir-rikorrent talab li din il-Qorti jogħġobha tagħtih kull rimedju li jidhrilha xieraq biex twettaq lill-esponent fit-tgawdija tad-dritt fondamentali tas-smigħ xieraq fuq imsemmi billi, fost miżuri oħra (1) tiddikjara l-Qorti Kostituzzjonali li tat is-sentenza impunjata bħala ħatja ta' ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu; (2) tannulla s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ta' l-14 ta' Jannar, 1993 in kwantu ddeterminat it-tieni u t-tielet aggravji tiegħu msemmija fil-paragrafu 4; (3) tikkundanna lil-intimati jew min minnhom iħallsu d-drittijiet u spejjeż inkorsi minnu in konnessjoni mas-sentenza fuq imsemmija u (4) tordna li S.T. l-Imħallfin li taw is-sentenza impunjata ma jiħdux konjizzjoni tat-trattazzjoni ulterjuri ta' dak l-appell;

Bl-ispejjeż";

Għal dan ir-rikors l-intimati hekk issottomettew:

"Li din il-Qorti kif ippresjeduta, kienet semgħet din il-kawża li waslet għad-deċiżjoni tas-16 ta' Lulju, 1992;

Illi fil-Qorti Kostituzzjonali l-partijiet ittrattaw l-aggravji kollha avvanzati mir-rikorrent, sostanzjalment bil-miktub u addizzjonalment bil-fomm u dak li ġie vverbalizzat għandu jiftiehem fis-sens li l-Qorti Kostituzzjonali ma kellhiex għalfejn tiddeċidi dwar iż-żewġ aggravji l-oħra tar-rikorrent f'każ ta' eżitu favorevoli għar-rikorrent dwar l-allegata nullita' tas-sentenza relattiva;

Illi fid-dawl ta' dan kollu, l-esponenti ma jistgħux *jifhmu l-*allegazzjonijiet tar-rikorrent li ma ġiex mogħti l-opportunita' li *jiddefendi ruħu, jew li ma kellux smigħ xieraq u jidher li dak li l-*istess rikorrent jiddeskrivi bħala "kuntratt ġudizzjarju", huwa qed jifhem u jippretendi li dak il-"kuntratt" kellu jwassal għal deċiżjoni favorevoli għalih fuq il-pretensjonijiet tiegħu. Għal darb'oħra hawnhekk, ir-rikorrent qed jimmanuvra u jilgħab "ġudizzjarjament" bl-allegata nullita' ta' sentenzi differenti mogħtija minn Qorti differenti, li *del resto*, huma naxxenti minn sitwazzjonijiet orkestrati mill-istess rikorrent";

Il-Qorti Ċivili Prim'Awla hekk iddeċidiet ir-rikors:

"*Minn dan kollu jidher li l-ilment tar-rikorrent huwa ġustifikat* in kwantu kien hemm nuqqas ta' smigħ xieraq meta l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali għaddiet biex tippronunzja s-sentenza ta' l-14 ta' Jannar, 1993 u kwindi tiddikjara l-istess sentenza nulla u bla effett u tordna s-smigħ ta' l-appell mis-sentenza tas-16 ta' Lulju, 1992 mill-ġdid;

Illi dwar it-tielet talba fir-rikors promotur din il-Qorti taqbel li r-rikorrent m'għandux ibati l-ispejjeż ġudizzjarji ta' proċeduri li ġew iddikjarati nulli minħabba ksur ta' dritt fondamentali. Iżda b'analoġija ma' dak li jiġri fi proċeduri ta' ritrattazzjoni fejn il-*prassi hi li l-kap ta' l-ispejjeż jiġi rriservat għal dik il-Qorti li* finalment tiddisponi mill-meritu tal-kawża, tħoss li m'għandhiex tippronunzja ruħha fuq din it-talba u tħalli d-deċiżjoni dwar l-ispejjeż tal-proċeduri annullati fl-arbitriju tal-Qorti Kostituzzjonali;

Finalment lanqas ma din il-Qorti tħoss li għandha tilqa' r-raba' talba tar-rikorrent in kwantu l-aggravju tiegħu mhux indirizzat

lejn il-persuni li kienu jikkomponu l-Qorti Kostituzzjonali li tagħha s-sentenza ġiet annullata, iżda pjuttost lejn żball li seta' sar minħabba żvista tal-komponenti ta' dik l-istess Qorti u li issa jista' jiġi rrimedjat billi r-rikorrenti jingħata l-fakolta' li jagħmel it-trattazzjoni tiegħu fuq l-aggravji kollha minnu *ssollevati* wara s-sentenza tas-16 ta' Lulju, 1992;

L-ispejjeż fiċ-ċirkostanzi jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti";

Biex waslet għal din id-deċiżjoni l-ewwel Qorti hekk ikkunsidrat:

"Ir-rikorrent qiegħed jilmenta li fi proċeduri quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fir-rikors ippreżentat minnu numru 360/91, dik l-istess Qorti kienet ħatja fil-konfront tiegħu ta' ksur ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja billi kien hemm nuqqas ta' smigħ xieraq;

F'dan ir-rigward ir-rikorrent qed isostni li l-appell tiegħu quddiem il-Qorti Kostituzzjonali mis-sentenza *tal-Prim'Awla tal-*Qorti Ċivili tas-16 ta' Lulju, 1992 kien ibbażat fuq tlett aggravji. Tnejn minn dawn kienu ta' forma, fejn kien qed jintalab li s-sentenza appellata tiġi ddikjarata nulla minħabba (a) difett fl-okkju u (b) żball fil-parti dispositiva in kwantu l-ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet minflok illiberat lill-intimati mill-osservanza tal-ġudizzju. L-aħħar aggravju kien jolqot il-meritu in kwantu r-rikorrent allega li ma kinux jeżistu rimedji oħra għalih kif sostniet il-Prim'Awla fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali fis-sentenza appellata;

In-nuqqas ta' smigħ xieraq kien dovut in kwantu, kif allega r-

rikorrent, wara li l-Qorti Kostituzzjonali llimitat it-trattazzjoni orali għall-ewwel aggravju u ċjoe' n-nullita' tas-sentenza minħabba żball fl-okkju, dik l-istess Qorti għaddiet biex tippronunzja sentenza fl-14 ta' Jannar 1993 li kienet tkopri l-aggravji kollha ta' l-appellant u dana mingħajr ma l-istess appellant ingħata l-opportunita' li jagħmel trattazzjoni orali fuq il-punti ssollevati fir-rikors ta' l-appell";

*Omissis*;

"Mar-rikors promotur ġiet esebita vera kopja tal-verbal ta' l-udjenza quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fil-proċeduri msemmija li jgħid espressament hekk:

"Il-Qorti semgħet is-sottomissjonijiet ta' l-Avukati u tiddiferixxi l-kawża għas-sentenza in difett ta' ostakolu 11 ta' Novembru rigward in-nullita' tas-sentenza derivanti mid-difetti fl-okkju ta' diversi atti";

Ma tressqet ebda prova da parti ta' l-intimati biex jikkontradixxu dak li xehed l-avukat difensur tar-rikorrent jew dak li intqal fl-istess verbal fuq riportat. Biss l-intimati qed isostnu fit-tieni paragrafu tar-risposta tagħhom, illi "fil-Qorti Kostituzzjonali l-partijiet ittrattaw l-aggravji kollha avvanzati mir-rikorrent, sostanzjalment bil-miktub u addizzjonalment bil-fomm";

*Omissis*;

Il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jippreskrivi li fis-smigħ tal-kawża quddiem il-Qrati sew dawk ta' prim'istanza kif ukoll dawk ta' l-appell, l-attur għandu jfisser il-każ tiegħu, wara

jwieġeb il-konvenut u tista' ssir replika u kontro-replika. Dan l-ordni ta' *smigħ tal-kawżi, irregolat bl-artikolu 202 tal-Kap. 12*, japplika ukoll għall-proċeduri fil-kawżi kostituzzjonali. Jidher minn dan l-artikolu tal-liġi li l-partijiet mhumiex limitati għal dak li jkun tniżżel fiċ-ċitazzjoni jew fil-petizzjoni ta' l-appell iżda li huma għandhom id-dritt li jagħmlu sottomissjonijiet verbali sabiex jespandu u jispjegaw aħjar u aktar fid-dettal, l-argumenti minnhom imressqa fl-atti miktuba. Ir-rikorrent proprju dwar il-ksur ta' dan *id-dritt qed jilmenta* u ma jiġġova xejn lill-intimati li jsostnu li l-argumenti tal-kontendenti kienu jifformaw parti mill-atti li ġew ippreżentati quddiem il-Qorti. Id-dritt tat-trattazzjoni jifforma parti integrali mill-proċediment ġudizzjarju u għalhekk l-assenza tiegħu, minħabba direttivi tal-Qorti, jammonta għal nuqqas ta' smigħ xieraq kemm-il darba tingħata sentenza fuq xi aggravju li ma jkunx ġie ttrattat mid-difensuri fl-Awla;

Dwar it-tifsira li għandha tingħata lill-kontenut tal-verbal ta' l-14 ta' Ottubru, 1992 quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, din il-Qorti ma tistax taqbel ma' dak li ġie ssottomess mill-intimati. Huwa proprju n-nuqqas *ta' trattazzjoni dwar iż-żewġ aggravji l-oħra* li dwarhom kien hemm sentenza minn dik il-Qorti, li r-rikorrent qed jilmenta o meno dwar dawn l-aggravji kemm-il darba jkun hemm eżitu favorevoli għall-appellant. Ovvjament kieku l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali iddeċidiet l-ewwel aggravju favorevolment għall-appellanti, kienet tiddikjara s-sentenza tal-Prim'Istanza bħala nulla u konsegwentement ma kienx ikun hemm il-ħtieġa li tgħaddi biex teżamina u tiddeċidi ż-żewġ aggravji l-oħra";

L-intimati appellaw minn din is-sentenza b'dawn l-aggravji:

"Illi huwa *stabbilit li appell* mhux xi dritt fondamentali u n-

*nuqqas tiegħu ma jġibx xi vjolazzjoni tad-dritt fondamentali għal smigħ xieraq;*

*Illi l-appell* tar-rikorrent appellat kien jittratta fuq żewġ kwistjonijiet purament proċedurali u formali u mbagħad fuq il-meritu, iżda preliminarjament limitat fuq il-kwistjoni jekk kellux disponibbli rimedju ieħor ordinarju effettiv;

Illi fuq dawn it-tliet kwistjonijiet il-kontendenti kellhom l-opportunitajiet kollha jittrattaw bil-miktub, kif effettivament għamlu *funditus*, u in aġġunta, anke oralment, għalkemm l-iktar li saru sottomissjonijiet, fuq rikjesta ta' din l-Onorabbli Qorti, kienu għar-rigward ta' l-allegata nullita` tas-sentenza derivanti minn *difetti* fl-okkju, stante li din l-Onorabbli Qorti dehrilha loġikament u *korrettement*, illi ma kellhiex għalfejn tiddeċidi dwar iż-żewġ aggravji l-oħra tar-rikorrent appellat f'każ ta' eżitu favorevoli għalih dwar l-allegata nullita` tas-sentenza relattiva;

Illi fin-nuqqas ta' eżitu favorevoli kif fuq spjegat, kif fil-fatt ġara, din il-Qorti kellha *tippronunzja ruħha fuq iż-żewġ* aggravji l-oħra wara li kienet rat u semgħet it-trattazzjoni bil-miktub u oralment;

Jiġi rrilevat ukoll li Qorti għandha *fakolta` tiddispensa* trattazzjoni orali fuq xi punt jew ieħor *ai termini* ta' l-artikolu 204 (3) tal-Kap. 12 u fil-każ odjern kienu jkunu aktar l-esponenti ġustifikati jilmentaw mid-dispensa tat-trattazzjoni fuq it-tieni u t-tielet aggravju wara li r-rikorrent appellat kien ittratta tant eżawrjentement bil-miktub fuqhom, kontrarjament għall-esponenti, iżda minn dan kollu l-esponenti mhumiex qed jilmentaw xejn, peress li dak li riedu igħidu a propożitu kellhom l-opportunita` igħiduh u

*qaluh;*

*Illi fil-liġi tagħna trattazzjoni orali f'kawża mhix rikjesta ad substantium validitatem* u n-nuqqas tagħha lanqas ma tagħti lok għal ritrattazjoni";

Il-Qorti tagħmel l-ewwel xi osservazzjonijiet ta' natura ġenerali fuq l-aggravji:

Huwa veru li "l-appell mhux xi dritt fondamentali u li n-nuqqas tiegħu ma jġibx xi vjolazzjoni tad-dritt fondamentali għal smigħ xieraq". Dan ma jfissirx pero' illi una volta s-sistema ġudizzjarja tagħti dritt ta' appell - u anke tista' tagħti dritt eċċezzjonali għal *ritrattazzjoni - din il-proċedura tista' tiġi kondotta mingħajr ma jiġu* osservati dawk il-prinċipji u dawk ir-regoli li huma l-karatteristiċi proprji u indispensabbli għal smigħ xieraq, jew li dawn il-proċeduri, una volta mogħtija, jistgħu jiġu b'xi mod kondotti quddiem xi Tribunal li ma jkunx imparzjali u indipendenti. Anke f'dawn il-proċeduri allura jridu jiġu osservati l-prinċipji ta' l-*equality of arms* u tan-nuqqas ta' *bias* u tal-*fair hearing*;

"The right to appeal - appeal to a Higher Court, to a Court of Cassation or to a Constitutional Court is not laid down in the Convention not even in article 6 (1) ... However, if an appeal lies *and if a decision is taken on whether it is well founded*, article 6 (1) applies unabridged, provided that the Court is called to determine civil rights or obligations.

The Convention does not oblige Contracting States to institute several levels of jurisdiction ... a state which does institute such Courts of Appeal or Cassation is required to ensure that persons

amenable to the Law shall enjoy when before these Courts the fundamental guarantees *contained in article 6*" (*Application 7211/75 6th October, 1976*);

Stabbilit il-prinċipju illi anke fl-istadju ta' l-appell fejn dan id-dritt hu konċess, is-smigħ tal-kawża kellu jkun wieħed xieraq - *fair* irid jiġi kkunsidrat x'inhu dak il-minimu meħtieġ biex jassigura dan id-dritt fondamentali. Hu paċifiku illi meta wieħed japprezza jekk proċeduri humiex xierqa jew le, wieħed m'għandux iħares biss lejn xi nuqqasijiet proċedurali li jokkorru imma lejn jekk, fl-assjem tagħhom, il-proċeduri kinux jew le kondotti b'ġustizzja fis-sostanza u fl-apparenza;

"The effect of article 6 (1) is *inter alia* to place the Tribunal concerned under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties ... It is important that the administration of justice should appear fair. The standpoint of those concerned is not alone decisive - Any misgivings must be objectively justified" (**Kraska *vs* Switzerland** - 1993 EHR Reports Vol. 18 p. 188);

Issa huwa veru li fil-każ in eżami l-appell tar-rikorrenti kien jittratta fuq żewġ kwistjonijiet purament proċedurali u mbagħad il-kwistjoni *fuq il-meritu*. Imma hu veru ukoll, u dan mhux ikkontestat, u infatti jirriżulta rreġistrat fl-atti illi:

"Id-difensuri tal-partijiet kienu ġew diretti mill-Qorti biex jittrattaw l-aggravju dwar in-nullita' ta' l-okkju tas-sentenza;

Li t-trattazzjoni orali tad-difensuri kienet skond din id-diskrezzjoni tal-Qorti limitata biss għal dak l-aggravju u ma għamlu

l-ebda sottomissjonijiet fuq l-aggravji l-oħra;

Fis-seduta li fiha nstemgħet din it-trattazzjoni ġie wkoll ivverbalizzat, "il-Qorti semgħet is-sottomissjonijiet ta' l-Avukati u tiddifferixxi l-kawża għas-sentenza in difett ta' ostakolu għall-11 ta' Novembru, 1992 rigward in-nullita' tas-sentenza derivanti mid-difetti fl-okkju ta' diversi atti";

Fl-14 ta' Jannar, 1993, il-Qorti Kostituzzjonali ppronunzjat is-sentenza mhux biss fuq in-nullita' derivanti mid-difetti fl-okkju - kif dikjaratament kienet intenzjonata li tagħmel - imma ddeterminat ukoll, kontra l-appellant, iż-żewġ aggravji l-oħra li dwarhom kienet sa dak l-istadju eskludiet it-trattazzjoni";

*M'hemmx* u ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju mill-atti illi l-Qorti Kostituzzjonali meta ddeċidiet il-meritu kollu, iddeliberat u ddeċidiet oltre dak li kien ġie oralment ittrattat quddiemha u oltre dak li hi stess iddikjarat li kienet ser tiddeċidi. *Kif m'hemmx dubbju* illi s-sentenza neċessarjament issorprendiet lill-kontendenti. Kemm lill-appellant sokkombenti li sab li l-Qorti ċaħditlu l-appell bla ma semgħetu, kif ukoll lill-appellati li sabu li l-Qorti abbraċċjat it-teżi tagħhom mingħajr ma kienu ttrattaw quddiemha dwarha. Sorpriżi li mhumiex konduċenti għal smigħ ekwanimu u għal proċeduri li jagħtu affidament ta' proċess xieraq u ġust. Anke jekk iċ-ċirkostanzi kif sfortunatament ġraw, wieħed jista' jifhem li kienu dovuti għal żball jew żvista;

"The Court has on many occasions stressed the importance of appearances in the administration of justice. The Courts in a democratic society must inspire confidence in the public and, above all, in the parties to the proceedings. The perceptions of the persons

involved in the proceedings are important but not decisive; any doubts as to the unfairness of the hearing must also be objectively justified" (**Hauschidlt *vs* Denmark** 1989 - 12 E.H.R.R. 266). Fil-każ in eżami r-reazzjoni ta' l-appellant - ir-rikorrent odjern - li ħass li ma kienx ingħata smigħ xieraq, meta l-Qorti għaddiet biex tiddeċidi l-meritu bla ma tisimgħu mhux biss hi naturali u tirriżulta imma hi oġġettivament ġustifikata proprju bil-prova ta' kif ġraw l-eventi li, fil-fehma ta' din il-Qorti jinfiċċjaw il-proċeduri u jirrenduhom mhux xierqa";

Huwa aktar f'dan is-sens ta' *unfairness of the proceedings* li *tirriżulta oġġettivament mill-fatt li l-Qorti Kostituzzjonali* - għal xi raġuni li hi rrilevanti għall-meritu - aġixxiet mhux in konformita` ma' dak li hi stess iddikjarat li kienet ser tagħmel u li b'hekk ċaħdet lill-kontendenti mill-opportunita` li jagħmlu s-sottomissjonijiet orali tagħhom fuq dawk l-aggravji, li fihom it-trattazzjoni kienet ġiet espressament eskluża, illi din il-Qorti tirravviża l-vjolazzjoni tad-dritt fondamentali għal smigħ xieraq. Dan aktar milli fis-sottomissjoni illi l-appellant kellu xi dritt li jittratta l-każ tiegħu oralment. Il-Qorti terġa' tirrikjama għad-distinzjoni fondamentali bejn in-nonosservanza tad-dritt proċedurali u l-leżjoni *ta'* dritt fondamentali. Mhux kull nuqqas ta' provvediment proċedurali, anke jekk intiżi biex jassigura bilanċ fis-smigħ tal-kawża u biex jagħti l-opportunita` lill-kontendenti biex jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom u jirregola l-istess, jammonta għall-ksur tad-dritt fondamentali għal smigħ xieraq. Anke jekk il-Qorti biex tasal għall-apprezzament, jekk fil-każ in eżami kienx hemm *leżjoni ta' dan id-*dritt fondamentali għandha tqis ukoll l-ordinament ġuridiku u proċedurali u dak li din tqis li għandu jkun l-*iter* tas-smigħ tal-kawża;

Hu veru illi l-proċedura tistabbilixxi kif għandu jsir is-smigħ tal-kawża, kif u f'liema ordni għandhom jinġiebu l-provi u jsiru s-sottomissjonijiet tal-kontendenti. Tistabbilixxi proċedura partikolari anke għall-istadju ta' l-appell. Hu veru li s-sistema nostran hu bbażat fuq is-smigħ orali *viva voce* tal-kawża ċivili, anke jekk dan mhux tassattiv fis-sens li huma ammessi s-sottomissjonijiet bil-miktub u anzi inkoraġġiti kif qed jiġu inkoraġġiti - forsi għall-konvenzjoni aktar milli għax hekk għandu jkun - il-ġbir tal-provi bi proċedura skritta. Hu veru ukoll illi l-Qorti tista' tiddispensa bit-trattazzjoni f'ċerti każijiet kif tista' ukoll tiddispensa s-smigħ tal-provi ulterjuri jekk tkun sodisfatta illi dawn ma jkunx hemm lokhom jew bżonnhom. Dan kollu tista' tagħmlu bla ma tkun qed tivvjola la l-liġi proċedurali u lanqas *timpinġi fuq id-dritt fondamentali tal-*litiganti għal smigħ xieraq. Naturalment sakemm ikunu rrispettati dawk in-normi li huma ġeneralment aċċettati li għandhom jiggwidaw il-kondotta ta' proċeduri ġudizzjarji li *jassiguraw li jkunu fair* u li jidhru li hekk ikunu. Hu veru li l-ġudikant hu mistenni li jagħti "smigħ" xieraq u li l-kontendenti għandhom dritt għalih imma dan is-smigħ m'għandux jiġi limitat fil-kuntest ta' l-*interpretazzjoni* tad-disposizzjonijiet Kostituzzjonali u tal-Konvenzjoni Ewropeja għas-sinifikat litterali tal-kelma. Smigħ ta' kawża jista' u għandu normalment u ġeneralment jiġi kondott oralment imma dan ma jeskludix li jista' jsir - anke esklussivament - bil-kitba u fiż-żminijiet tal-lum anke b'mezzi aktar avvanzati u moderni - b'mod li anke hekk ikun qed jiġi sodisfatt u assigurat il-jedd għal smigħ xieraq għal dak li hu aspett Kostituzzjonali tiegħu. Dan naturalment ma jfissirx pero` li l-Qorti tista' tiddispensa għal kollox mit-trattazzjoni jew li ma tagħtix lill-kontendenti l-opportunita' sħiħa li jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom fil-limiti ddettati mir-raġuni, mill-prinċipju ta' l-*equality of arms* u mill-bżonnijiet ta' l-ekonomija tal-ġudizzju. Kull każ ivarja minn ieħor imma f'kull każ il-Qorti

trid tassigura li l-proċeduri jkunu kondotti b'mod li l-kontendenti oġġettivament *huma mistennija li jħossu li jkunu ngħataw smigħ* xieraq. Ċertament dan ir-rekwiżit mhux sodisfatt meta l-Qorti mhux biss tagħti l-impressjoni lill-kontendenti li t-trattazzjoni fuq ċerti aspetti importanti u fondamentali tal-meritu tal-kawża mhix neċessarja jew mixtieqa minnha imma addirittura tindirizzahom biex jillimitaw is-sottomissjonijiet tagħhom f'dak l-istadju għall-punt partikolari tal-kawża u għal dak biss għax dak kien ser jiġi deċiż. Hekk ġara f'dan il-każ. Sorpriża ta' din ix-xorta - anke jekk mhux voluta - timmina l-proċess ġudizzjarju u tinfiċċjah bħala mhux xieraq;

Rigward is-smigħ orali fi stadju ta' appell *il-Kummissjoni* Ewropeja tirritjeni li anke jekk is-smigħ orali għandu jkun in-norma mhux eskluż illi t-trattazzjoni ssir bil-kitba jew fuq l-atti ta' istanzi anterjuri sakemm f'dawk il-proċeduri ikun ġie ssalvagwardat id-dritt tal-kontendenti li sewwa jippreżentaw il-każ tagħhom quddiem il-Qorti:

"The Commission recalls that the way in which article 6 applies to hearings before Courts of Appeal depends on the special features of the proceedings. In certain circumstances the complete absence of an oral hearing at any instance may be compatible with article 6 paragraph (1) of the Convention ... The Commission finds that in the circumstances of the present case, article 6 of the Convention did not require an oral hearing before the Supreme Court" (**Insam** *vs* **Austria** - Application No. 17285/90 - deċiża fl-1994). "Dan, il-*Commission* qalitu fir-rigward ta' *proċeduri* quddiem Qorti Suprema fl-Awstrija li kienet f'dak il-pajjiż Qorti ta' Reviżjoni tat-tielet grad u wara li aċċertat ruħha li kienet saret trattazzjoni sħiħa, orali u skritta fil-proċedimenti anterjuri. Pero' l-

prinċipju jibqa' validu";

Finalment il-Qorti tinnota li dan hu proprju l-każ klassiku fejn żball, żvista jew nuqqas tal-Qorti Kostituzzjonali seta' jiġi rrettifikat kieku kien aċċessibbli għal-litiganti rimedju taħt il-proċedura ta' ritrattazzjoni f'dan l-istadju. Dan mill-istess Qorti u bl-applikazzjoni ta' provvedimenti proċedurali li jagħtu rimedju taħt il-liġi ordinarja tal-proċedura. Mhux allura bl-anomalija li Qorti ta' grad inferjuri tinvestiga l-operat *tal-Qorti Kostituzzjonali* - *bħala* Qorti ta' l-ewwel istanza - u dana taħt id-dell tqil ta' akkuża li vvjolat id-drittijiet fondamentali taċ-ċittadin li hi fid-dover tagħha li tħares. Dana *jingħad* naturalment *bla* ma jitnaqqas xejn mill-valur tal-prinċipju li kulħadd hu soġġett għall-istess liġi u li anke l-Qorti jew komponenti tagħha jistgħu jkunu msejħa jirrispondu għall-allegazzjoni ta' vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali. F'dan ir-rigward issir referenza għall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti fis-sentenza tagħha fil-kawża bl-ismijiet **Lawrence Cuschieri *vs* Onor. Prim Ministru *et*** deċiża fis-6 ta' April, 1995;

Din l-aħħar konsiderazzjoni hi rilevanti ukoll għall-fini ta' l-appell inċidentali ta' l-appellat fir-rigward tat-talba tiegħu li s-sentenza appellata tiġi rriformata fejn ma ordnatx li l-ġudikanti li taw is-sentenza impunjata ma jiħdux konjizzjoni ulterjuri ta' l-appell. Din il-Qorti taqbel ma' l-apprezzament ta' l-ewwel Qorti illi fil-każ in eżami l-aggravju ta' l-attur mhux indirizzat lejn il-persuni li kienu jikkomponu l-Qorti Kostituzzjonali li tagħha s-sentenza qed tiġi annullata, iżda pjuttost lejn żball fil-proċeduri. Ma taqbilx pero` li dan neċessarjament ifisser illi tali żball jista' jiġi rrimedjat "billi *r-rikorrent jingħata l-fakolta` li jagħmel it-*trattazzjoni tiegħu fuq l-aggravji kollha minnu ssollevati wara s-sentenza tas-16 ta' Lulju, 1992" quddiem l-istess Qorti kif

komposta. Dan jista' ma jkunx hekk in kwantu jirriżulta bħala fatt illi dik il-Qorti kif komposta *bene o male* diġa` esprimiet ġudizzju fil-meritu benche` fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ;

Il-Qorti tqis allura li din il-konsiderazzjoni fid-decide għandha tiġi meqjusa bħala mhux vinkolanti u għandha tiġi skartata. Il-Qorti ma tarax li hu l-każ li "tordna" lill-Imħallfin komponenti allura l-Qorti Kostituzzjonali (jew dak minnhom li għad jista' hekk jagħmel u ċjoe` s-Sinjurija Tiegħu l-Imħallef Carmel A. Agius) li ma jiħux konjizzjoni ulterjuri tal-każ sa minn dan l-istadju. Tifhem li tali deċiżjoni għandha tittieħed fl-ewwel lok mill-istess Imħallef u kolleġġjalment mill-Qorti li minnha jifforma parti, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti f'din is-sentenza u tal-konsiderazzjonijiet l-oħra li din l-istess Qorti għamlet f'kawżi oħra fosthom is-sentenza mogħtija illum, fil-kawża bl-ismijiet **Francesco Saverio Borg** ***vs*** **Direttur Ġenerali** ***et*** dwar is-smigħ xieraq minn Tribunal indipendenti u imparzjali anke fir-rigward ta' l-apparenza tal-proċeduri. Jibqgħu f'dan ir-rigward riservati d-drittijiet ta' l-attur *si et quatenus*;

Fir-rigward tal-kap ta' l-ispejjeż, il-Qorti taqbel mal-kunsiderazzjoni li għamlet l-ewwel Qorti u tifhem li l-ispejjeż ta' l-ewwel istanza għandhom ikunu, kif deċiż, riservati għall-ġudizzju finali mill-Qorti Kostituzzjonali. Mhux il-każ li jiġi applikat il-prinċipju *error judicis error partis* għax dan ikun jaggrava inġustament lill-attur, pero` una volta si tratta sostanzjalment ta' inċident proċedurali waqt is-smigħ tal-kawża Kostituzzjonali hu sewwa li tali responsabbilita` għall-ispejjeż tiġi ddeterminata mal-meritu. L-ispejjeż ta' l-appell għandhom pero` jiġu ssopportati mill-appellant li pprovokah;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċidi l-kawża billi:

Tiċħad l-appell inċidentali bir-riserva pero' fuq magħmula illi mhux qed jiġi deċiż minn din il-Qorti kif il-kawża għandha tipproċedi quddiem il-Qorti Kostituzzjonali li għandha hi tiddetermina kif għandha tiġi ulterjorment ittrattata;

Tiċħad l-appell prinċipali;

L-ispejjeż barra dawk diġa' deċiżi jkunu a kariġu ta' l-appellant.